# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 T' APRIL 2002**

**Avviz Nru 863/01DM**

**Tessons Snack Food Limited**

**Vs**

**Frans Deguara**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal- konvenut ghal hlas tas-somma ta' Lm 1701.56 (elf seba' mija u wahda liri Maltin u sitta u hamsin centezmi) li minnhom Lm521.56 (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmi) jirrapprezentaw bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u s-somma ta' Lm1180 (elf mija u tmenin liri Maltin) jirrapprezentaw rifuzjoni ta' flus jew bonus moghtija lill-konvenut skond kuntratt datat 9 ta' April 1998, liema kuntratt gie miksur mill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta' Awissu 1999, 9 ta' Novembru 1999, 20 ta' Dicembru 1999, 20 ta' Gunju 2000, 25 ta' Settembru 2000, 11 ta' Lulju 2000, 13 ta' Lulju 2001 u 30 ta' Lulju 2001, u bl-imghax tat-8% fuq Lm1701.56 mit-23 ta' Awissu 1999 sal-hlas effettiv kontra il- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma derx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghalhekk qieghdha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm1701.56 (elf seba mija u wahda liri Maltin u sitta u hamsin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-23 ta' Awissu 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.Civil 39